

11.10.2023

A9-0290/138

**Emenda 138**

**Rasmus Andresen, Henrike Hahn**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**A9-0290/2023**

**José Manuel Fernandes, Christian Ehler**

L-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (“STEP”)  
(COM(2023)0335 – C9-0209/2023 – 2023/0199(COD))

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-għoti tas-Siġill tas-Sovranità għandu jkun kundizzjonali għall-konformità tal-azzjoni mal-liġijiet tax-xogħol tal-Unjoni u dawk nazzjonali, mad-drittijiet soċjali u d-drittijiet tal-ħaddiema kif ukoll mal-ftehimiet kollettivi applikabbli. L-għoti ta' Siġill tas-Sovranità għandu jkun soġġett għal kunsiderazzjonijiet tas-sostenibbiltà soċjali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti legali minimi tal-Unjoni u nazzjonali fil-qasam tal-liġi tax-xogħol, id-drittijiet soċjali u d-drittijiet tal-ħaddiema, b'pagi ġusti u adegwati, pjanijiet definiti sew f'termini ta' ħiliet, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, miżuri biex jittejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diversità fuq il-post tax-xogħol, u apprendistati ta' kwalità u mħallsa, kif ukoll projbizzjoni fuq pagamenti tad-dividendi, bonusijiet u xiri lura ta' ishma u impenn li l-produzzjoni ma tiġix rilokata barra mill-Unjoni fi żmien ħames snin mill-għoti tas-Siġill tas-Sovranità. Barra minn hekk, l-azzjoni għandha turi l-ogħla standards etiċi għall-għoti tas-Siġill tas-Sovranità. Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi gwida biex tispeċifika aktar il-modalitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità msemmija f'dan il-paragrafu.**

Or. en

11.10.2023

A9-0290/139

## Emenda 139

Rasmus Andresen, Henrike Hahn

f' isem il-Grupp Verts/ALE

## Rapport

A9-0290/2023

José Manuel Fernandes, Christian Ehler

L-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP")  
(COM(2023)0335 – C9-0209/2023 – 2023/0199(COD))

## Proposta għal regolament

### Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Minbarra l-kwoti msemmija fl-ewwel sal-ħames subparagrafi ta' dan il-paragrafu, il-Fond għall-Innovazzjoni għandu jimplimenta wkoll pakkett finanzjarju għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2027 ta' EUR 5 000 000 000 fi prezzijiet attwali bħala appoġġ għal investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettiv ta' STEP **imsemmi fil-punt (a)(ii) tal-Artikolu 2 tar-Regolament .../... 63 . [ir-Regolament dwar STEP].** Dan il-pakkett finanzjarju għandu jkun disponibbli biex jappoġġa investimenti biss fl-Istati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkolata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017.

#### *Emenda*

Minbarra l-kwoti msemmija fl-ewwel sal-ħames subparagrafi ta' dan il-paragrafu, il-Fond għall-Innovazzjoni għandu jimplimenta wkoll pakkett finanzjarju għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2027 ta' EUR 5 000 000 000 fi prezzijiet attwali, **kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093,** bħala appoġġ għal investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettiv ta' STEP **għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti kif definit fi [Artikolu 3, punt (a)] tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti] billi dan il-pakkett finanzjarju jsir disponibbli biex jappoġġa Proġetti Strateġiċi kif definit fl-[Artikolu 2, il-punt (e)] tar-Regolament (UE) .../... [l-att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti], dment li jikkonformaw mal-kriterji ta' reżiljenza jew ta' kompetittività stabbiliti fl-Artikolu 10(1), il-punt (a) jew (b), tar-Regolament... [NZIA]. 75 % ta' dan il-pakkett finanzjarju għandu jkun disponibbli biex jappoġġa investimenti biss fl-Istati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkolata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017. **Barra****

*minn hekk, fis-sejħiet għal proposti ddedikati għal dan il-pakkett finanzjarju, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-kapaċità tal-proġetti li jipromwovu tranżizzjoni ġusta u inklużiva fl-Istati Membri, filwaqt li jimplimentaw l-oġettivi u l-kriterji tal-Fond għall-Innovazzjoni kif stabbiliti f'dan il-paragrafu (jiġifieri l-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva ETS) u li jimmiraw għal bilanċ ġeografiku tal-appoġġ finanzjarju.*

---

<sup>63</sup> *Ir-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... [daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-ĠU].*

Or. en

11.10.2023

A9-0290/140

**Emenda 140**

**Rosa D'Amato, Rasmus Andresen**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**A9-0290/2023**

**José Manuel Fernandes, Christian Ehler**

L-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (“STEP”)  
(COM(2023)0335 – C9-0209/2023 – 2023/0199(COD))

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 3**

Regolament (UE) 2021/1058

Artikolu 3 – paragrafu 1a – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Ir-riżorsi taħt l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a)(vi) u (b)(ix) għandhom jiġu pprogrammati taħt prijoritajiet iddedikati li jikkorrispondu għall-objettiv ta' politika rispettiv.

Ir-riżorsi taħt l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a)(vi) u (b)(ix) għandhom jiġu pprogrammati taħt prijoritajiet iddedikati li jikkorrispondu għall-objettiv ta' politika rispettiv ***u għandhom ikunu limitati għal massimu ta' 5% tal-allokkazzjoni nazzjonali inizjali tal-FEŻR.***

Or. en

11.10.2023

A9-0290/141

**Emenda 141**

**Rosa D'Amato, Rasmus Andresen**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**A9-0290/2023**

**José Manuel Fernandes, Christian Ehler**

L-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (“STEP”)  
(COM(2023)0335 – C9-0209/2023 – 2023/0199(COD))

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 4**

Regolament (UE) 2021/1058

Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(4) Fl-Artikolu 5(2), jiddaħħal il-punt (e) li ġej:**

**imħassar**

**“(e) meta jikkontribwixxu għall-objettiv speċifiku skont il-PO 1 stabbilit fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(vi) jew għall-objettiv speċifiku skont il-PO 2 stabbilit fil-punt (b)(ix) ta’ dak is-subparagrafu, f’reġjuni anqas żviluppati u f’reġjuni fi tranżizzjoni, kif ukoll reġjuni aktar żviluppati fl-Istati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE tal-EU-27 skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkolata abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017.**

**Il-punt (e) għandu japplika għall-programmi ta’ Interreg fejn il-kopertura ġeografika tal-programm fl-Unjoni tikkonsisti esklużivament minn kategoriji ta’ reġjuni stabbiliti f’dak il-punt.**

Or. en

11.10.2023

A9-0290/142

**Emenda 142**

**Rasmus Andresen, Henrike Hahn**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**A9-0290/2023**

**José Manuel Fernandes, Christian Ehler**

L-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (“STEP”)  
(COM(2023)0335 – C9-0209/2023 – 2023/0199(COD))

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11**

Regolament (UE) 2021/1056

Artikoli 2, 8(2) u 10(4)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*[...]*

*imħassar*

Or. en